MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 554/2013

Appell Nru: 554/2013

Il-Pulizja

(Spettur Geoffrey Azzopardi)

Vs

Jason Manuel Briffa

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jason Manuel Briffa, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 121193M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta' Dicembru, 1999, u fil-gimghat ta' qabel, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm245.00 li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju ghad-detriment ta' Manuel Piscopo f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' Piscopo Gardens Limited ta' Burmarrad, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma flus imsemmija jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 2, datata 17 ta' Dicembru, 1998, fejn hu kien instab hati u kkundannat sena(1) prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija kien gie sospiz ghall-perjodu ta' sena(1) minn dik id-data, u kien ikkommetta r-reati hawn fuq dedotti liema reati kienu punibbbli bil-piena ta' prigunerija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-27 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti sabet htija tal-akkuzi kollha mressqa kontra l-appellant, u dan wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll htija talli bi ftit granet, kiser is-sentenza sospiza, allura rat anke l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat illi l-imputat ma fehem xejn dwar dak illi kienet ir-responsabbilta' tieghu taht is-sentenza sospiza. Mhux talli hekk, talli rega' kkommetta reat iehor.

Ghaldaqstant din il-Qorti, tqis illi ghandha tiskatta s-sena(1) karcerarja sospiza, kif ukoll tikkundannhah ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Manuel Briffa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-senetenza appellata billi tikkonferma l-htija, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

(a) Is-sentenza sospiza inghatat fis-17 ta' Dicembru, 1998 u r-reat sehh fil-15 ta' Dicembru, 1999. B'hekk kien fadal jumejn biss ghal perjodu operattiv ta' sena. Fil-fatt dan ir-reat huwa bbazat biss fuq kuntratti kummercjali li gew terminati unilateralment u l-uniku htija li kellu l-appellant kien li ma rrifondiex il-Lm245 jew €570.85.

(b) Is-sentenza inghata 14 il-sena wara li sehh il-kaz, haga li l-Qorti imissha hadet in konsiderazzjoni li fuq kaz ta' Lm245 dam dan iz-zmien kollu. Il-Qorti kkummentat li l-appellant meta sehh il-kaz kien zghazugh ta' 25 sena. Meta inghatat is-sentenza huwa middle aged ta' 39 sena. B'hekk irid jirrispondi ghal xi haga li sehh meta kien ghadu zghazugh.

(c) L-ammont involut kien biss ta' Lm245 jew €570.85, ammont verament zghir, li ma jimmeritax sentenza ta' 18 il-xahar prigunerija jew di piu 30 xahar prigunerija. L-appellant huwa dispost li jhallas dan l-ammont lura;

(d) L-appellant tul dawn is-snin kollha ghadda u ggradwa minn programm ta' riabilitazzjoni u huwa persuna ferm differenti minn meta kellu 25 sena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien jahdem fil-qasam tar-reklamar u kellu kumpanija li jisimha Biblos Advertising Limited. Manuel Piscopo ghan-nom ta' Piscopo Gardens ta' Burmarrad kien hallas lill-appellant ghal tlett reklami. Wiehed minnhom gie ippubblikat izda r-reklami ta' Dicembru tal-elf disa' mija disgha u

disghin (1999) u Jannar tal-elfejn (2000) ma gewx ippubblikati peress illi l-appellant kien fid-diffikultajiet. L-appellant però ma irrifondiex il-flus lil Manuel Piscopo u minkejja li kienu fdati f'idejh ghal skop partikolari dan l-iskop ma giex imwettaq u ma nghata ebda sodisfazzjon dwar f'hiex uza dawk il-flus.

Ghalhekk il-pulizija ipprocedew kontra l-appellant u b'sentenza moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel sentenza ma kinitx cara fid-decide taghha u fi kwalunkwe kaz il-piena inflitta kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi l-appellant mhuwiex qieghed jiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-meritu, qieghed jargumenta illi llum hu riabilitat mill-vizzju tad-droga illi kienet tahkmu xi snin ilu. Ir-reat jirrezali ghall-elf disa' mija disgha u disghin (1999) u ngabet fis-sehh sentenza sospiza meta kien ghad fadallha gurnata biss biex tiskadi.

Din il-Qorti ma tahsibx illi dan ir-ragunament ghandu jreggi. Il-ligi hija cara u jekk kien ghad fadal gurnata, ma taghmilx differenza peress illi l-Qorti ghandha obbligu illi ggib fis-sehh is-sentenza sospiza, haga illi ghamlet l-ewwel Qorti. Terga' jekk kien hemm xi dewmien f'din il-kawza, kien tort tad-Difiza illi talbet differiment fuq differiment biex tirregola l-pozizzjoni taghha oltre differimenti peress li l-appellant ma jidhirx. Ma jistax issa jilmenta jew inkella jiehu xi beneficcju minn dan in-nuqqas tieghu. L-ewwel Qorti hadet ukoll inkonsiderazzjoni l-istqarrija illi irrilaxxa l-appellant flimkien mal-provi l-ohra migjuba u waslet ghall-konkluzjoni illi l-htija kienet ippruvata. Rat ukoll illi l-qrati taghna taw diversi opportunitajiet sabiex l-appellant jirriforma ruhu. Jekk verament irriforma ruhu din id-darba tant ahjar ghalih izda din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti la darba l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi. Din il-piena hija cara u fid-decide

taghha l-ewwel Qorti gabet fis-sehh is-sena sospiza li kien gie ikkundannat biha qabel kif ukoll piena ta′ prigunerija ta′ tmintax-il (18) xahar ghal dawn ir-reati.

Il-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena jekk din tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Peress illi irrizulta illi l-piena inflitta qieghda fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz li din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------